

21996D0307(04)

7.3.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 57/37

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 71/95****tal-15 ta' Diċembru 1995****li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 60/95 tat-18 ta' Lulju 1995 ⁽¹⁾;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzjar ta' l-impriżi tal-linji tal-ferroviji ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Din l-intestatura u dan il-punt għandhom jiddaħħlu wara l-punt 42 (Deċiżjoni tal-Kunsill 82/529/KEE) fl-Anness XIII għall-Ftehim:

“(iii) *Aċċess għas-suq*

42a. **395 L 0018:** Id-Direttiva 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzjar ta' impriżi tal-linji tal-ferroviji (ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 70).”.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 1996, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 1995.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BERG

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 70.